MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Numru 494/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Anthony Cassar)**

**Vs**

**ANTHONY PISANI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTHONY PISANI** ta' sitta w erbghin sena, bin Francesco u Concetta nee' Micallef, imwieled Haz-Zabbar, nhar il-25 t'Ottubru, 1959 u joqghod fl-indirizz 85A, 'Bil-Lampa', Triq il-Hortan, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' numru 673955M, tressaq quddiemha akkuzat talli f'Marsascala matul il-lejl ta' bejn nhar il-Gimgha u s-Sibt 19 u 20 ta' Mejju, 2006, kif ukoll f'dawn l-ahhar tliet xhur:

Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ ferita ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ martu Mary Rose, kif ukoll ta’ wliedu Marisabelle u Annrina Pisani, lkoll minn Marsascala, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ martu Mary Rose Pisani minn Marsascala f’periklu car, hebb ghaliha u taha diversi daqqiet ta’ ponn fejn ikkagunalha hsara fil-gisem taghha, skond ma ccertifika Dr. Ian Gauci M.D. mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid.

F’Marsascala, tul dawn l-ahhar sentejn, f’diversi hinijiet tal-gurnata:

Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ ferita gravi fuq il-persuna ta’ martu Mary Rose, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt meta fil-waqt li kien qed isuq il-vettura ta’ martu stess, ta’ l-ghamla Renault 19, ta’ lewn griz bin-numru ta’ registrazzjoni EAB-979 minn Triq Sant’Anna, Marsascala, heddida bil-mewt u kiser l-isteering wheel fid-direzzjoni tal-hajt sitwat fil-genb ta’ l-istess triq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

B’diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

Hedded lil maru Mary Rose Pisani bil-mewt kif ukoll bil-kliem “nehles minnek” u “ntajjar il-flat b’kollox”.

Hebb ghall-istess martu Mary Rose Pisani kif ukoll ghal bintu z-zghira Annrina Pisani sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara.

Offenda l-pudur jew il-morali pubblika b’eghmil li sar minnu f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Zamm u garr fuqu strument li jaqta’ jew iniggez (sikkina tal-hobz), minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjar u glied jew b'mod iehor.

M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' persuni li kienu nkarigati minn servizz pubbliku.

Saq il-vettura tal-ghamla Renault 19 ta' lewn griz, bin-numru ta' registrazzjoni EAB-979 b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont.

Saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu.

Sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghu jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti giet mitluba biex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Mary Rose Pisani, u ta' wliedha Marisabelle u Annrina Pisani jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-istess Anthony Pisani b'obbligazzjoni tieghu innifsu that penali ta' somma ta' flus li l-istess Qorti joghgobha tiffissa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, tapplika l-iskwalifika ta' l-istess Anthony Pisani minn kull licenzja tas-sewqan, ghal zmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar minn mindu hekk jinstab hati.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat illi l-Avukat Generali baghat l-Artikoli fis-sebgha w ghoxrin (27) t'April, 2007 (fol. 162) u li ghalhekk din il-Qorti ghandha kompetenza sabiex tisma' w tiddeciedi dan il-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex ai termini tal-Art. 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, fin-nuqqas t'oggezzjoni

da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet ix-xhieda **tal-Ispettur Anzjan Anthony Cassar** ta' nhar it-2 ta' Gunju, 2006 li kkonferma li nhar id-19 ta' Mejju, 2006 il-Pulzija tal-ghassa ta' Haz-Zabbar kienu gew infurmati minn certa Mary Rose Pisani li matul il-lejl ta' qabel, ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (11.00p.m.) waqt li hija diga' kienet fis-sodda, rritorna d-dar zewgha Anthony Pisani w beda jaghmel hafna storbju bil-borom fil-kcina u li l-ghada filghodu malli qamet, ghal xis-sitta w nofs ta' filghodu (6.30a.m.) u marret fil-kcina, nnotat li n-knob tal-cooker kien miftuh, izda ma xammitx riha ta' gas. Ikompli jghid li wara dan ir-rapport hu kien baghat ghal Anthony Pisani w li dan filwaqt li kkonferma li rritorna d-dar xi l-hdax ta' bil-lejl, qal li kien mar fil-kcina biex isahhan l-ikel, u li meta lesta mar jorqod. Jghid ukoll li Pisani qallu li dak iz-zmien ir-relazzjoni bejnu w bejn martu ma kinitx tajba, w allura kien ikollu jsajjar hu ghalih u anke kien jorqod f'kamra ohra li tinsab madwar tlett metri 'l boghod mill-kcina. Ix-xhud jghid li Pisani allura sostna li l-kamra tas-sodda fejn kien hemm martu kienet iktar 'il boghod mill-kcina mill-kamra fejn jorqod hu, cioe' s-salott. Dan qallu li allura kieku kellu jsehh xi haga kien ikun hu li jkorri l-ewwel. Imbaghad zied jghidlu li martu kienet insulentatu bosta drabi.

L-Ufficjal jghid li sussegwentement kien rega' baghat ghal Mary Rose Pisani, w din qaltlu li l-inkwiet bejnha w zewgha kienu ilu li beda w semmietlu ncident fejn zewgha kien ghamlilha sikkina ma' grizmejha fil-prezenza ta' binthom Annrina li kien ghad kellha biss tmien snin, u li dan l-incident kien baqa' f'mohh binthom. Din qalet li minn xi sentejn 'l hawn zewgha kien beda jkun vjolenti maghha w ma' binthom iz-zghira Annrina, u dan ghaliex din Annrina kienet tirritorna d-dar xi ftit tard jew ghax ma kinitx tnaddaf kamritha. Issostni li zewgha kien taha diversi daqqiet ta' ponn lil Annrina w uza vjolenza fizika

maghha, w meta kienet tindahal hi, kien jispicca jsawwat lilha. Din qalet li ma kinitx taghmel rapporti biex tipprova zzomm il-familja maghquda. Ix-xhud ikompli jghid li Mary Rose Pisani kienet qalet li fis-17 ta’ Frar, 2005 zewgha kien hebb ghal Annrina w ikkawzalha frattura fi mnehirha, w qalet ukoll li dakinhar hi ma setghetx tintervjeni ghaliex kienet ghadha kif giet lura d-dar minn operazzjoni. Fuq dan l-incident, Anthony Pisani kien tressaq il-Qorti, w bintha kienet tpoggiet f’istituzzoni ghal tliet xhur ghas-sigurta’ taghha stess, izda mbaghad hi kienet hargitha.

Kompliet tghid li darba minnhom waqt li kienet fil-karozza ma’ zewgha, w kienu ghaddejjin minn Triq Sant’ Anna , Marsascala, dan dawwar il-karozza ghal gol-hajt u fl-istess hin heddidha li ried joqtolha, izda hi rnexxielha taqbad l-isteering u ddawwar ghan-naha l-ohra, biex tevita li jidhlu fil-hajt, bil-konsegwenza pero’ li kkraxxjaw go vettura ohra li kienet ghaddejja. L-Ispettur jghid li Mary Rose Pisani spjegatlu li effettivament il-vettura in kwistjoni hija taghha, hija tal-ghamla Renault 19 u ghandha numru ta’ registrazzjoni EAE 979, u li meta hi u zewgha kienu johrogu flimkien, kien isuq hu. Din qaltlu wkoll li zewgha kien jheddidha bil-kliem “jien nohrog mill-habs, izda inti ma tohrogx minn taht 6 piedi trab”. Wara hafna theddid, bdiet tirrekordjah fuq tape recorder. Ix-xhud jghid li Mary Rose Pisani kienet qaltlu li fil-fatt zewgha kien sahansitra jghid kliem ta’ theddid fil-konfront tieghu (tax-xhud) stess, wara li kien baghat ghalihom it-tnejn u qalilhom biex jippruvaw jirrangaw l-affarijiet ta’ bejniethom. Din qalet ukoll li anke lill-genituri taghha kien qal li ried jghaddiha mill-windscreen, u li hafna mit-theddid kien isir fil-prezenza ta’ wliedhom. Tghid ukoll li f’April 2006 kien heddidha li “intajjrek bil-flat b’kollox” u li ma kienx jimpurtah mill-girien. Is-sinjura Pisani qalet ukoll li zewgha gieli qal li anke ried inehhi hajtu b’idejh.

Ix-xhud ikompli jirrakkonta li Mary Rose Pisani kienet qalet li fil-11 ta’ Mejju, 2006 zewgha kien hebb ghaliha, taha bil-ponn u sabbatha mal-komodina, w kien bis-sahha ta’ wliedha li harbet u marret l-ghassa. F’dak l-incident kienet wegghet hafif f’sidirha w fil-warrani taghha w ta’ dan ipproduciet certifikat mediku w ghaddietu lil PS 1262

Spiridione Zammit. Din qalet ukoll li fid-19 ta’ Mejju, 2006 ma kinitx l-ewwel darba li fetah il-gas, izda kien ghamel hekk darbtejn ohra fi zmien tlett xhur.

Jghid ukoll li s-Sinjura Pisani kienet qaltlu li bil-lejl kienet issakkar il-kamra tas-sodda ghax kienet tibza’ minnu w li zewgha kien jidhol fil-kamra ta’ binthom u joqghod ihares lejha meta din tkun liebsa biss il-hwejjeg ta’ taht. Barra minn hekk kien qabad vizzju jorqod fis-salott gharwien huta, fejn setghu jarawh uliedu meta jghaddu ghall-kcina. Qalet ukoll li fl-opinjoni taghha zewgha ghandu bzonn ghajnuna psikjatrika, ghaliex darba minnhom meta kellhom xi jghidu, kien neza’ hwejgu w qaghad jigri mad-dar gharwien.

Ix-xhud Spettur Cassar zied li meta kellem lil ulied l-imputat Marisabelle u Annrina Pisani, dawn ikkonfermaw dak kollu li qalet ommhom.

Jghid li sussegwentement kien rega’ baghat ghall-imputat fejn dan irrilaxxja stqarrija fil-prezenza ta’ PC 572 Anthony D’Amato, wara li nghata s-solita twissija. Dan kien stqarr mieghu li kien dizokkupat u li kien qed jorqod fis-salott fl-art flimkien ma’ soft toy. Ix-xhud jghid li meta sema’ hekk, kien saqsa lill-imputat jekk jihux xi kura medika w dan kien wiegbu li hu la kien jiehu w lanqas kien be hsiebu jiehu xi kura, w li hu kien pjuttost jghin lil haddiehor. Dan qalulu peress li jiehu sehem fil-Life Cycle li ssir biex jingabru flus ghal dawk morda bil-kliewi. Pisani cahad li qatt uza vjolenza ma’ martu w uliedu, cahad li ghamel sikkina m’ghonq martu jew li heddidha li joqtolha. Cahad dak kollu li qalet martu.

L-Ispettur jghid li hu kien ressaq lill-imputat il-Qorti fit-23 ta’ Mejju, 2006 quddiem il-Magistrat Dr. Lawrence Quintano. Hawnhekk esebixxa Fedina Penali tal-imputati li giet immarkata bhala Dok. AC, certifikat tat-Twelid immarkat bhala Dok. AC1 u l-istqarrija rilaxxjata minn Anthony Pisani mmarkata bhala Dok. AC2. Ikkonferma li jaghraf il-firma tieghu u ta’ PC 572 fuq din l-istqarrija, filwaqt li l-imputat ma riedx jiffirmaha. Pprezenta wkoll l-okkorrenza mmarkata bhala Dok. CSH.

Meta rega' xehed fid-9 ta' Gunju, 2006 l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar esebixxa erba' rapporti li saru fl-ghassa tal-pulizija minn Mary Rose Pisani li gew immarkati Dok. X sa X3. Esebixxa rapport li sar minn PS 91 Buttigieg immarkat bhala Dok. X4, rapport ta' bint l-imputat Marisabelle Pisani mmarkat bhala Dok. X5 u iehor tal-gharus taghha Angelo Camilleri mmarkat bhala Dok. X6. Mistoqsi jekk jafx b'xi rapport li l-imputat seta' ghamel fil-konfront ta' martu, x-xhud iwiegeb li ma jafx bihom.

Sussegwentement rega' xehed nhar is-26 ta' Marzu, 2007 (a fol. 180) u esebixxa certifikat rilaxxjat minn Dr. Ian Gauci fil-konfront ta' Mary Rose Pisani dwar il-feriti li ssubiet. Dan ic-certifikat gie mmarkat bhala Dok. IG.

Xehed in kontro-ezami nhar il-15 ta' Frar, 2008 (a fol. 213) u qal li huwa ma marx fir-residenza tal-kwerelanta, izda din marret tkellmu l-ghassa w hu ha r-rapport taghha. Jghid li in segwitu' kien investiga lill-imputat u hadlu stqarrija. Ma kienx jaf jekk kienx investigah ukoll ghall-incidenti qabel l-incident in kwistjoni. Kien jaf zgur li l-kwerelanti w zewgha kienu ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni.

**L-Ispettur Anzjan Anthony Cassar** xehed ukoll fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2010 (a fol. 279 et seq.). Meta gie mistoqsi jekk Mary Rose Pisani qattx taghtu xi certifikat in konnessjoni ma' din il-kawza, qal li bl-amment ma' jiftakarx, pero' f'kaz affermattiv hu jkun esebih. Mistoqsi wkoll ghaliex ic-certifikat immarkat bhala Dok. IG a fol. 177 ma jgibx l-istess data tal-akkuza, jghid li dan jirrigwarda incident iehor mid-diversi ncidenti li gew rappurtati. Ghall-mistoqsija jekk hu kien mexxa proprju fuq l-incident ta' bejn id-dsatax u l-ghoxrin ta' Mejju, wiegeb li hu mexxa fuq l-incidenti kollha w li ma jidhirlux li ha passi ohrajn barra dawk odjerni. Ma ftakarx jekk lis-Sinjura Pisani talabhiex certifikat rigward l-incident ta' bejn id-dsatax u l-ghoxrin, ghalkemm qal li sa fejn jaf hu fil-process hemm zewg certifikati annessi.

Rat li nhar it-2 ta’ Gunju, 2006 xehdet **Dr. Elizabeth Sciriha** (a fol. 35 et seq.), nutara, li kkonfermat li taf lill-imputat peress li mizzewweg lil ohtha. Qalet li xi xahrejn qabel Pisani kien mar ikellimha biex forsi tintervjeni fir-relazzjoni li hu kellu m’ohtha biex forsi jirrangaw. Qalet li mbaghad kienu qabdu diskussjoni w hi saqsietu ghaliex ghall-ahhar tmien snin ma kienx qed jaghti flus lil ohtha w kien qed ihalli lilha w lil uliedhom fil-bzonn u dan qalilha li martu kienet titolbu mitt Lira (Lm100) fix-xahar. Tghid li minn kliemu hi fehmitu li ried jaghmel suwicidju. Tghid ukoll li hi qaltlu li jekk ried kienu ghadu fic-cans biex jirranga m’ohtha. Izzid li l-imputat ipprova jigbed is-simpatija taghha lejh u li fl-ebda hin ma semma xi ncidenti.

Dakinhar tat-2 ta’ Gunju, 2006 xehdet ukoll mart l-imputat, **Mary Rose Pisani,** (a fol. 37 et seq.) li ddikjarat li riedet tixhed kontra zewgha. Spjegat li marret taghmel rapport lill-Pulizija ghaliex zewgha kien halla l-gass miftuh ghat-tielet darba, f’Mejju. Spjegat li meta qamet xi s-sitta w nofs ta’ filghodu (6.30a.m.) marret fuq il-cooker fejn sabet in-knob imdawwar, haga li kienet ga sabitha darb’ ohra malli rritornat mix-xoghol xil-hdax u nofs ta’ bil-lejl u d-dar kien hemm biss l-imputat. Tghid li dakinhar f’Mejju, kienet rieqda ma’ bintha meta dahal l-imputat sahhan l-ikel u dahal jinhasel. Spjegat li torqod fil-kamra ma’ bintha w meta jorqdu ssakkar il-bieb bic-cavetta ghax mhux l-ewwel li l-imputat jidhol u joqghod ihares lejhom. Kompliet tghid li xi granet qabel ghamlet dan ir-rapport, zewgha kien sawwatha w li dakinhar kienet marret il-polyclinic fejn tawha certifikat li mbaghad hi ghaddietu l-ghassa. Dakinhar kienet garrbet tbengila fuq sidirha w fuq il-warrani taghha. Ikkonfermat li zewgha ilu jghid li jrid itajjar il-post biex ma jiehdu hadd. Esebiet zewg recordings fejn zewgha jinstema’ jhedded lill-Ispettur Cassar u lil PS 91, li gew immarkati bhala Dok. Z. Ikkonfermat li fir-recording hemm hafna theddid. Din tghid li l-kunjatu taghha wkoll hu mqabbad maghha. Ikkonfermat li darba kienu fil-karozza w kienu qed jargumentaw, u l-imputat kien ha jidhol fil-hajt u hi dawret l-isteering. Irrakkontat li darba kienet qed twassal lil zewgha l-ajruport ghax kien se jsiefer fuq xoghol, u

gibditlu l-attenzjoni li lit-tfal ma kien tahom xejn ghalkemm kien gej il-Milied, u hu waqqaf il-karozza, nizel u baqa' sejjer bil-mixi. Qalet li darb'ohra kien mar jghid lill-familjari taghha li ried johrogha mill-windscreen.

Ikkonfermat li huma ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni w li m'ghandhomx separazzjoni tal-beni. Qalet li l-karozza taghha li ggib in-numru ta' registrazzjoni EAB 971 hi rregistrata f'isimha. Qalet ukoll li zewgha ghandu wkoll kwistjoni ma' binthom iz-zghira Annrina ta' tmintax-il sena. Semmiet li meta kellha bzonn tidhol l-isptar, ried ikecci lil uliedhom 'il barra mid-dar, u tghid li meta binthom il-kbira tipprova tikkalma s-sitwazzjoni, jghidilha biex taghlaq halqha, ghax inkella jaghmilha bhal ohtha. Spjegat li zewgha lil Annrina kien taha daqqa' bir-ras w feriha, w li dwar dan kien hemm kumpilazzjoni ghaddejja kontra tieghu. Sussegwentement Annrina kienet ghamlet tliet xhur f'istitut ghax missierha ma ridhiex id-dar. Pero' meta xehdet iz-zewg uliehda kienu jghixu maghha.

Kompliet tghid li darb' ohra rega' kellha argument ma' zewgha, w din id-darba dan kien nizzel il-qalziet u qaghad jilghab bil-parti genitali tieghu. Semmiet ukoll li zewgha jorqod fis-salott, li qieghed l-ewwel kamra malli tidhol, gharwien ghalkemm il-bieb hu tal-hgieg.

Ikkonfermat li zewgha kien ilu ma jtiha manteniment xi tmien snin u li wliedha ghandhom tmintax u ghoxrin sena, w it-tnejn jistudjaw. Tkompli tghid li meta zewgha jirrabja jkisser kull ma jsib. Stqarret li meta zewgha halla l-gass miftuh, xorta ma kienx hemm riha ta' gass, u li mbaghad hi kienet ghalqet ic-cilindru. Stenniet ftit u meta ppruvat terga' tixghel il-cooker dan beda jintefa. Qalet li l-gas jibqa' hiereg avolja jkun maghluq. Qalet ukoll li hi tinkwieta ghan-nies li joqoghdu fil-flat ta' fuqhom.

Mistoqsija meta sehh l-incident tal-karozza tghid li d-dati ma tiftakarhomx ezatt u rapporti m'ghamlitx ghax dejjem zammet halqha maghluq. Izda wara li ghamlet l-operazzjoni ghax kellha cancer, u wara li l-imputat wegga' lil bintha, ddecidiet li ma tissaportix iktar u bdiet tirraporta,

w fil-fatt rapporti ghamlet hafna ghax zewgha dejjem jheddidha.

Reghet xehdet fid-9 ta’ Gunju, 2006 (a fol. 74 et seq.) fejn esebiet kopja ta’ rikors li hi pprezentat fil-Qorti tal-Familja sabiex l-imputat jigi ordnat johrog mid-dar matrimonjali peress li hu vjolenti. Dan ir-rikors gie pprezentat fl-24 ta’ Mejju 2006 u gie degratat fit-30 ta’ Mejju, 2006. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. Q.

Mary Rose Pisani xehdet in kontro-ezami nhar l-4 ta’ Settembru 2009 u kkonfermat li bejn id-19 u l-20 ta’ Mejju, meta l-imputat halla l-gas miftuh, kien hemm riha ta’ gas u dan tafu ghax hi kienet waslet lura mix-xoghol fis-siegha ta’ filghodu w riedet terga’ tqum kmieni ghax-xoghol filghodu, u meta waslet zewgha kien qed jiekol fil-kcina. L-ghada filghodu qamet fis-sebgha w nofs pero’ lil zewgha ma semmietlu xejn ghax kien ghadu rieqed. Spjegat li l-gas mhux difettuz u dan kapaci tghidu peress li hi tahdem f’lukanda w kienet ghamlet kors dwar dan mal-Health and Safety. Qalet li fil-fatt il-gas ghadu tajjeb sal-lum. Sostniet li ghalkemm il-gas kien miftuh, ma kienx hemm fjamma, izda xorta kien hiereg il-gas. Ikkonfermat li zewgha jorqod fis-salott, bil-bieb tal-kamra maghluq u bil-bieb tal-gallarija miftuh.

Ikkonfermat li zewgha verament fetah il-gas waqt li hi w uliedha kienu d-dar u anke li kien jghid li xi darba ghad itajjar kullimkien, kif ukoll li kien jghidilha li hu johrog mill-habs izda hi tibqa’ taht it-trab, pero’ tistqarr li meta zewgha fetah il-gas, seta’ tajjar lilu nnifsu wkoll.

Ix-xhud qalet li hija thossha mwerwra minn zewgha, specjalment dan l-ahhar meta ratu fl-akwati taghhom meta mhux suppost ikun hemm, u dwar dan ghamlet rapport. Qalet li kienet ukoll ghamlitlu rapport ghax ratu niezel minn hdejn ir-Razzett tal-Hbiberija xid-disgha w nofs ta’ filghaxija (9.30p.m.) meta suppost huwa ghandu jirrinkaza fit-tmienja ta’ filghaxija (8.00p.m.). Qalet li fil-fatt ratu darbtejn u f’xi okkazjoni ltaqghet mieghu wicc imb’ wicc u baqa’ jhares cass lejha. Taf li anke hdejn id-dar ta’ bintha joqghod imur u jibqa’ jhares.

Tichad li l-ewwel tmur taghmillu r-rapport u mbaghad tghid lill-pulizija biex ma jipprocedux kontra tieghu. Ziedet li ghalkemm zewgha kien jahdem fuq ir-rig taz-zejt u meta kien jirritorna kien ikollu l-flus, xorta qatt ma hallas pagament u kien ilu ma jghaddilha mantentiment ghaliha w ghal uliedhom xi tliet snin. Cahdet li kien itiha erba' mitt Lira (Lm400) ghall-hajja, izda sostniet li kien ihallihom fil-bzonn. Tghid li meta siefret il-Bulgarija, dan ghamlitu mill-flus li taqla' minn xogholha. Tkompli tghid li fl-2005 hija kienet rebhet il-premju "Haddiem tas-Sena" w fil-fatt rebhet tliet vjaggi ghaliha w ghal uliedha gewwa l-Hotel Intercontinental Parigi. Hija tahdem bhala waitress.

Mistoqsija tispjega ncident li sehh fis-sena 2004 qrib il-Milied tghid li kienet sejra ma' zewgha l-ajruport ghax kien se jsiefer. Kien qed isuq hu w kienu waslu Hal-Ghaxaq. Hi staqsietu jekk kienx halla xi rigal tal-Milied lit-tfal, u f'daqqa wahda dan dawwar l-isteering, waqqaf il-karozza w telaq bil-mixi. Hi marret warajh sal-ajruport biex ma thallihx jitlaq bil-glied, izda hu ghamel xenata hemmhekk. Tirrakkonta li darb'ohra talbitu xi flus ghall-privat tat-tfal u nqala' ncident iehor. Issemmi ncident iehor li sehh bil-karozza wara telefonata li rceviet minghand oht l-imputat, fejn l-imputat kiser lejn il-hajt u hi dawwritlu l-isteering. Tghid li zewgha ma jinkwetax jekk jigrilu xi haga, basta li l-ewwel jigri lilha w dan id-diskors jghidu sahansitra lill-genituri taghha stess.

Ikkonfermat li hemm kawza pendenti kontra zewgha ghaliex kien kiser imnieher binthom Annrina. Tghid li l-problemi ma' zewgha kienu ilhom ghaddejjin, pero' tkellmet meta zewgha kiser imnieher it-tifla wara li hi kienet ghadha hierga mill-isptar.

Giet murija Dok. Z esebit fl-atti, w spjegat li zewgha jsiefer ta' spiss u allura jkollu certu points fuq ismu w biex ma jintilfux dawn tahom lilha w hi hallsitu taghhom xi mija w tletin lira Maltin (Lm130). Giet murija wkoll hames fotokopji ta' kartolini li gew immarkati bhala Dok. A1 sa A5. Qalet li d-dokumenti A2, A3 u A5 huma kartolini li

baghtet hi lil zewgha, filwaqt li d-dokumenti A4 u A1 huma kartolini mibghuta mit-tfal lil missierhom.

Qalet li meta rebhet il-premju "Haddiem tas-Sena" xtaqet li jsiefru hi u hu u wahda mit-tfal bil-biljetti li rebhet u jhallsu tat-tifla l-ohra. Pero' hu ried li jmorru wahedhom bla tfal w allura hi ghazlet li tmur ma' wliedha. Giet murija zewg ritratti mmarkati Dok. B1 u B2 u qalet li dawn ittiehdu bejn is-sena 1993 u 1995 minn zewgha l-imputat fl-okkazjoni ta' gheluq sninha. Skond hi dawn juru li hi dejjem ppruvat izzomm il-familja maghquda ghalkemm ir-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx tajba.

Ikkonfermat li l-cooker li semmiet qabel, ghadu jinsab fil-kcina taghha, w kienet xtratu minghand Ventura. Meta giet murija ritratt immarkat Dok. C qalet li dak mhux il-cooker li xehdet dwaru. Ikkonfermat li missierha jirranga l-*appliances*.

Rat li bid-digriet taghha tad-9 ta' Gunju, 2006, il-Qorti nnominat lil **Dr. Steven Farrugia Sacco** biex jaghmel traskrizzjoni tat-tapes esebiti.

Rat li dan l-espert deher quddiemha nhar l-24 ta' Novembru, 2006 li pprezenta r-relazzjoni tieghu konsistenti fit-traskrizzjoni tat-tapes esebiti minn Mary Rose Pisani, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. SFS.

Fid-9 ta' Gunju, 2006 xehed **PC 572 Antoine D'Amato** u kkonferma li l-istqarrija mmarkata bhala Dok. AC2 inserita fl-atti a fol. 27, hija dik rilaxxjata mill-imputat, li hu jaghraf prezenti fl-Awla, wara li nghata s-solita twissija. Fuq l-istqarrija gharaf il-firem tieghu u tal-Ispettur Anthony Cassar.

Dakinhar tad-9 ta' Gunju, 2006 xehdet ukoll bint l-imputat, **Annrina Pisani** (a fol. 68 et seq.) li kkonfermat li l-genituri taghha dejjem jillatikaw fuq kwistjonijiet ta' flus. Ftakret li xi xahar qabel dawn kienu ggieldu dwar it-television. Tghid li missierha dejjem jallega li fil-fatt hi mhix bintu w minhabba f'hekk hi ma tkellmux. Qalet li hi tahdem bis-

shift u ghandha hijiet irregolari, w missierha dejjem igorr ghax tidhol id-dar fit-tard, pero' zzid li ma' missierha beda' jitlewwem m'ohtha dan l-ahhar. Semmiet li fit-13 ta' Frar 2005 dahlet id-dar ghal xi t-tmienja ta' filghaxija (8.00p.m.) u rrabja maghha ghax ma kinitx xtrat hobza, beda jidghi u jitkellem hazin u pprova jdahhliha subghajh f'ghajnejha, w ghax irrispondietu taha daqqa ta' ras u kisrilha mnehirha. Marret il-polyclinic izda m'accettawhiex u baqghet sejra taghmillu rapport l-ghassa, w fil-fatt hemm proceduri pendenti kontra missierha. Ikkonfermat li hi torqod id-dar f'kamra ghaliha, waqt li ommha w ohtha jorqdu flimkien, u missierha jorqod fis-salott. Tiftakar li darba nqalghet kwistjoni fuq it-television meta f'daqqa wahda hi u ohtha semghu hoss ta' ghamara ticcaqlaq, u allura hi w ohtha marru jaraw x'gara w sabu lill-genituri taghhom jiggieldu bl-idejn fil-kamra tas-sodda. Tkompli li fil-fatt missierha kien imbotta lil ommha w din kellha dawra hamra fuq sidirha. Wara ommha baqghet sejra ghand il-pulizija.

Tghid ukoll li missierha juza l-cooker biex isajjar l-ikel tieghu. Qalet ukoll li missierha dejjem jhedded li jrid itajjar id-dar jew ghax jghid li xeba' jew biex idejjaq lil ommha, w taf li fil-fatt gieli halla l-cooker mixghul. Qalet li ricentement kienet cemplitilha ommha w akkuzata li kienet halliet il-gas mixghul, pero' hi tichad dan ghax tghid li hi filghodu ma tiehu xejn u allura ma tixghelx il-cooker. Ikkonfermat li ma tantx ghandha sens ta' xamm u allura l-gas ma xxommux.

**Annrina Camilleri** ga' Pisani, regghet xehdet fid-29 t'Ottubru, 2009 (a fol. 265 et seq.) u regghet ikkonfermat li l-genituri taghha dejjem jiggieldu dwar flus. Ikkonfermat ukoll li missierha jahdem barra minn Malta u spjegat li ma kellux perjodi fissi ta' kemm idum barra w kemm idum Malta. Cahdet li missierha kien jghaddi flus lil ommha ghall-hajja. Semmiet episodju fejn kien spiccalhom il-gas waqt li ommhom ma kinitx id-dar, u hi w ohtha talbu flus lil missierhom, imma dan ma tahomx. Ikkonfermat li ommha dejjem kienet tohrog tahdem u sostniet li minhabba n-nuqqas ta' flus hi wkoll kellha tohrog tahdem t'eta' zghira hafna. Semmiet li darba riedet tixtri ktieb izda missierha ma riedx itiha zewg Liri (Lm2) biex tixtrih.

Ikkonfermat li missierha kisrilha mnehirha b’daqqa ta’ ras, pero’ cahdet dak suggerit lilha li dak il-hin hi kienet qed tiggieled m’ommha w missierha pprova jferraqhom. Tghid li dak il-hin ommha kienet fil-kcina w giet wara. Qalet li ommha kienet dejjem toqghod wara missierha w taghmlilha sinjali biex ma tirrispondihx ghax inkella kien jaqbad ikisser, isabbat, jirrabja w jidghi. Tghid li sahansitra darba missierha sawwatha w bengilha kollha, darb’ ohra raqqadha barra w meta rrispondietu l-ewwel ghamlilha subghajh m’ghajnejha w imbaghad taha daqqa b’rasu. Tghid li ghalkemm kisrilha mnehirha, ma hargilhiex demm.

Tghid li taf li ommha torqod bil-bra w bil-qalziet ta’ taht u li missierha jorqod fis-salott bil-qalziet ta’ taht. Tghid li darba riedet tmur fis-salott tara t-television u qabel dahlet ittawlet mill-hgiega tal-bieb, u hemm rat lil missierha gharwien.

Mistoqsija kif taf li missierha kien ihalli l-gas mixghul, tghid li missierha dejjem jghid li jrid itajjar il-flat. Tghid li darba dahlet id-dar u kien dlam cappa, w xammet riha qawwija ta’ gas. Xeghlet id-dal u sabet in-knob tal-cooker mixghul izda ma kienx hemm fjamma. Qalet li r-riha kienet tinxtamm sew. Cahdet li hi ma xxomx, anzi sostniet li s-sensi taghha ghadhom jiffunzjonaw kollha. Cahdet li fix-xhieda taghha precedenti qalet li ma xxommx.

Fid-9 ta’ Gunju 2006 xehdet it-tifla l-ohra tal-imputat, **Marisabelle Pisani** (a fol. 71 et seq.) li kkonfermat li xahar qabel missierha kien halla l-cooker mixghul, cioe’ waqt li kien qed jiekol in-knob kien imdawwar pero’ ma kienx hemm fjamma. Qalet li dakinhar inzertat sabitu hi, ghalkemm taf li din il-haga grat drabi ohra. Ikkonfermat inoltre li gieli semghet lil missierha jhedded lil ommha w jghidilha li hu johrog mill-habs, pero’ hi minn taht it-trab ma tohrogx. Tghid ukoll li lilha missierha jghdilha biex ma tiftahx halqha ghax inkella jigrilha bhal ohtha, b’referenza ghal meta kien kiser imnieher ohtha w kien heddida li jekk tmur ghand il-pulizija ma jhallihiex tidhol id-dar. Fil-fatt hekk ghamel u ohtha ghamlet tliet xhur f’istitut.

Semmiet incident li sehh f'Mejju, fejn il-genituri taghha kienu qed jaghtu bl-idejn fil-kamra tas-sodda, w sussegwentement ommha baqghet hierga w marret l-ghassa. Tghid li dakinhar hi kienet sabet il-komodina mressqa, w li ommha wara qaltilha li missierha kien habbatha maghha.

Iddeskriviet lil missierha bhala bniedem li jbati bil-burdati w li meta jigrilu xi haga dejjem huma jehlu mieghu, dejjem imeri w meta ma tghaddix tieghu ikisser.

**Marisabelle Pisani** regghet xehdet fis-7 ta' Jannar, 2010 (a fol. 271 et seq.) saritilha referenza ghax-xhieda taghha precedenti li tinsab a fol. 71 tal-atti. Iccarat li hi ma kinitx prezenti dakinhar li missierha pprova jaghti bis-sikkina lil ohtha u mbaghad allegatament hebb ghal ommha. Tghid izda li kienet prezenti ghall-incident tal-kcina, cioe' meta dahlet id-dar u kien hemm missierha jiekol bil-borma fuq il-cooker pero' bla fjamma, w bil-gas miftuh. Qalet li hi saqsietu x'kien qed jaghmel, dan ma wegibhiex u hi qabdet u tfiet il-cooker. Spjegat li dak il-hin hi kienet ghadha diehla minn barra w inoltre qalet li l-kcina tinsab malli tidhol minn barra fuq in-naha tax-xellug, fil-bidu tal-kuridur. Qalet li l-cooker taghhom mhux automatic, fis-sens lit rid tixeghlu bis-sulfarina. Qalet li dan it-tip t'incident gara xi tliet darbiet, u ghall-mistoqsija jekk fl-incidenti l-ohra kienx hemm nies prezenti d-dar, tghid li ma tiftakarx. Mistoqsija meta kien li semghet lil missierha jghid lil ommha li hu kien johrog mill-habs izda hi tibqa' taht it-trab, tghid li dan gara diversi drabi, pero' mhux dakinhar tal-cooker. Fil-fatt tghid li dan id-diskors semghetu hafna drabi meta l-genituri taghha jiggieldu. Qalet li hi ma jidhrilhiex li ghandha taghmel rapport kull darba, w fil-fatt tkun ommha li tirraporta.

B'referenza ghall-incident fejn ohtha qalghet daqqa ta' ras f'imnehirha, tghid li hi kienet id-dar pero' mhux fil-kamra w allura l-incident ma ratux. Tiftakar li l-incident kien inqala' ghaliex ohtha ma kinitx xtrat hobza. Tirrepeti li l-incident ma ratux, pero' semghet id-daqqa li qalghet ohtha w rat lil ohtha hierga mill-kamra tal-banju mbikkma w izzomm

imnehirtha. Tghid li effettivament l-incident beda ghax ommha saqsiet lil ohtha jekk kinitx xtrat hobza, w din qaltilha li ma xtratx. Ohtha harget mill-kcina, fejn kien hemm ukoll missierha, w marret fil-kamra tal-banju, missierha mar warajha w taha daqqa. Tghid li hi rat lil ommha sejra fil-kamra tal-banju wkoll, u kienet pronta gibditha ‘l barra peress li kienet ghadha hierga minn operazzjoni.

Tghid li l-incident tal-komodina, kien incident separat.

Ikkonfermat li ommha ghamlet diversi rapporti l-ghassa w inoltre tghid li lilha missierha qatt ma heddida direttament.

Fl-istess seduta tad-9 ta’ Gunju, 2006 xehdet ukoll omm Mary Rose Pisani, **Carmen Camilleri** (a fol. 79) li kkonfermat li s-sena ta’ qabel kienet inqalghet xi kwistjoni dwar xi ilma kien qed jidhol mill-windscreen, u l-imputat kien qalilha “jekk jiena ma hrigthiex dakinhar mill-windscreen”.

Rat li nhar l-24 ta’ Novembru, 2006 xehdet **WPC 15 Caroline Camilleri** (a fol. 154 et seq.) u qalet li fuq talba tal-Ispettur Anthony Cassar hija ghamlet ricerka dwar jekk l-imputat Anthony Pisani, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 673955(M) , ghandux xi armi. Ikkonfermat li m’ghandux licenzji mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex igorr jew izomm arma jew strument bil-ponta. Esebiet din ir-ricerka li giet immarkata bhala Dok. WPC.

Fl-24 ta’ Novembru, 2006 xehed ukoll **PS 440 Kenneth Vella Gregory** (a fol. 157) li ddikjara li fit-18 ta’ Mejju, 2006 hu kien l-ghassa Bormla w kien qed ilahhaq ukoll Haz-Zabbar, meta dahal rapport minghand certa Mary Rose Pisani li zewgha kien fetah in-knob tal-cooker u peress li kien diga’ hedded li se joqtol il-familja kollha hasbet li ahjar taghmillu rapport. Jghid li l-imputat gie mitkellem minn PC 1160 u li cahad kull allegazzjoni li ghamlet martu w zied li martu kienet tghajjru “qahba”. Esebixxa l-okkorrenza relevanti ghal dan li giet immarkata bhala Dok. VG.

Rat li fil-5 ta’ Jannar, 2007 xehed **PC 170 Edward Calamatta** (a fol. 172) u kkonferma li s-sentenza esebita fl-atti a fol. 152 u mmarkata bhala Dok. K hija sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern li huwa gharaf prezenti fl-Awla. Ikkonferma li f’dik is-sentenza huwa kien l-Ufficjal Investigattiv flimkien mal-lum Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo.

Nhar it-3 ta’ Mejju, 2007 xehed **Dr. Ian Gauci** (a fol. 185) li kkonferma li c-certifikat li jinsab esebit a fol. 177 gie rilaxxjat minnu fil-11 ta’ Mejju, 2006 u kkonferma l-kontenut tieghu.

Fit-2 ta’ Marzu, 2010 xehed **l-imputat Anthony Pisani** minn jeddu (a fol. 281 et seq.) u esebixxa pjanta maghmula minnu tad-dar in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok. ZZ. Cahad li kien involut fl-incident li sehh bejn il-Gimgha 19 u s-Sibt 20 ta’ Mejju, anzi jghid li fil-fatt l-incident kien bejn martu w bintu Annrina. Ikkonferma li dak iz-zmien martu kienet ghadha kif giet operata, w li l-argument inqala’ fuq hobza. Qal li t-tifla kienet ghadha kif dahlet minn barra w ommha staqsietha jekk kinitx xtrat hobza, w Annrina bdiet issabbat u tirrabja w hebbet ghal ommha. Jghid li hu ndahal biex iferraqhom, firidhom u Annrina telqet ‘il barra mill-kamra w imbaghad mid-dar. Jghid li l-incident sehh bejn il-kamra tal-banju u l-kamra tas-sodda matrimonjali, fil-kuridur. Insista li hu ma kellu xi jghid ma’ hadd, anzi jzid li kien hu li kkalma lil martu.

L-imputat jghid li hu u martu ghandhom zewgt itfal, Marisabelle il-kbira u Annrina z-zghira. Jghid li Annrina kienet taqla’ hafna nkwiet l-iskola w sahansitra kienu baghtu ghalih ghax hebbet ghall-ghalliema w ghat-tfal, u qalulu li ma setghux izommuha iktar l-iskola. Jghid li meta martu marret l-isptar kienet talbet lin-nurses biex ma jhallux lil Annrina tidhol taraha ghax meta kienet tmur izzurha kienet taqlaghlha l-problemi, w izid li martu qaltlu biex ihalli lil Marisabelle tmur tarah izda mhux lil Annrina. Ikkummenta li bejn Annrina w ommha hemm tikketta ghax it-tifla riedet tohroq tqila meta kellha erbatax-il sena, wara li kienet marret ghand xi hadd li jaqra x-xorti w dan qalilha

li jekk ma jkollhiex f'dak iz-zmien mhux se jkollha qatt. Ikompli li dan infurmatu bih martu stess, u li sussegwentement hu kien kellem lil Annrina biex jifthilha ghajnejha. Pero' din riedet tizzewweg ta' eta' zghira, w jghid li ommha rat kif ghamlet u zewwgitha meta kellha biss tmintax-il sena, w issa ghandha zewgt itfal.

Ikompli jghid li hu jahdem fuq ir-riggijiet barra minn Malta, izda dak iz-zmien kien jahdem is-Ship Building. Jghid li hu jaghmel zmien twil barra minn Malta, gieli anke ghaxar gimghat. Cahad li qatt halla lill-familja fil-bzonn. Esebixxa l-pay slips ta' meta kien jahdem is-Ship Building, li gew immarkati bhala Dok. Q. Isostni li meta kien jahdem barra minn Malta, kien jghaddi lil martu hames mitt Lira Maltin (Lm500) fix-xahar, apparti affarijiet li kien jixtri ghad-dar waqt li kien ikun Malta. Jghid li dejn qatt ma kellhom u li martu harget tahdem ghax riedet hi w hu qatt ma messilha xejn mill-paga. Jghid li martu siefret darbtejn ma' wliedhom u darb' ohra ma' shabha. Jghid li darba waqt li kien qed jahdem l-Olanda kien baghtilha biljett biex tmur hdejh, pero' hi rrifjutatu. Jghid ukoll li kien xtralha karozza, li fil-fatt ghadha ghandha, ghall-prezz ta' erbat elef u mitejn Lira (Lm4200). Isemmi li martu kienet involuta f'incident tat-traffiku w li l-karozza kienet gabitha total loss u li kien hu li rrangahhielha. Esebixxa zewg faxxikoli ritratti mmarkati RR u RR1. Jerga' jghid li dejn m'ghandhomx u li fiz-zwieg hu kien xtara bicca art u bnieha mill-bidu sal-ahhar hu. Cahad dak li qalet martu li waqt li kienu ghaddejjin bil-karozza pprova jitfa' ghal gol-hajt, u li hi dawwritlu l-isteering, ghaliex jghid li dan hu mpossibbli peress li t-triq hi dejqa. Esebixxa ritratti tat-triq li l-Qorti mmarkat bhala Dok. SS u SS1.

Cahad ukoll l-allegazzjonijiet dwar il-gas u sostna li mill-cooker ma kien hiereg l-ebda gas u dan jafu ghax hu kien qed jiekol xi tlieta jew erba' piedi 'l boghod mill-cooker. Zied li kieku ried itajjarhom, ma kienx ikun hemm hu wkoll. Esebixxa ritratt tal-cooker li gie mmarkat bhala Dok. X. Jghid li hu kien skopra li l-cooker kellu parti miksura w fil-fatt kien xtara cooker gdid, li pero' wkoll inzerta difettuz u allura hu mar minn fejn xtrah u rrangawulu. Jghid li hu ma kienx ixomm il-gas hiereg mill-cooker.

Id-deposizzjoni tal-imputat giet sospiza fuq talba tad-difiza stess.

L-imputat kompla jixhed nhar il-25 ta’ Mejju, 2010 (a fol. 307 et seq.) fejn ftakar li nhar it-23 ta’ Mejju, 2006 kienu cemplulu mill-ghassa ta’ Haz-Zabbar u talbuh imur ghax ried ikellmu l-Ispettur. Malli mar gie arrestat u mtella’ fl-ufficcju tal-Ispettur Cassar. Jghid li kien jaf li martu Mary Rose Pisani kienet ghamlet rapporti kontra tieghu. Jghid li fost affarijiet ohra, l-Ispettur b’mossi w bil-kliem, qallu li kien se jsallbu u jnezzghu u wrieh il-ponnijiet u qallu “b’din l-id tal-hadid, u b’din l-id tal-hadid u bl-uniformi tieghi, jiena Ghandi s-sahha.” Sussegwentement tressaq il-Qorti. Dan rega’ kkonfermah.

Jghid li nzamm arrestat tliet gimghat. Ftakar li l-Ispettur kien saqsieh jekk kienx qed jiehu xi kura, w hu wiegbu fin-negattiv. Esebixxa tliet certifikati li juru li hu b’sahhtu, dawn gew immarkati bhala Dok. MB1, 2 u 3. Jghid li ma jafx ghaliex martu ghamlitlu r-rapporti u li dawn huma kollha foloz, inkluz dak fejn allegat li hebb ghaliha b’sikkina. Jghid li c-certifikat datat 23 ta’ Mejju, 2006 ukoll hu falz.

Jallega li mid-dar insterqu erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) u zied li meta l-avukat tieghu tkellem mal-avukat ta’ martu, dan tal-ahhar qallu li Mary Rose Pisani w it-tfal ma kinux interessati fihom.

Zied jghid li fid-9 ta’ Novembru, 2005 hu kien ipprezenta rapport fil-konfront tal-mara tieghu dwar incident li kien sehh fid-19 t’Awissu, 2005 u esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala Dok. MB4. Jghid li dakinhar martu kienet hedditu w griet warajh b’sikkina. Jghid pero’ li mbaghad kien talab li ma jittiehdux passi kontra taghha. Ikompli jghid li dak iz-zmien kien hemm problemi bejnu w martu w li fil-maggor parti taz-zmien hu kien ikun imsiefer. Hawn esebixxa zewg passaparti tieghu animo ritirandi li gew immarkati bhala Dok. MB5 u MB6.

Isostni li martu kellha 'boyfriend' Ingliza certu David, u li dan kien sahansitra xtralha karozza tal-ghamla Peugeot 106 ta' kulur blu metallic. Jghid li effettivament hu kien iltaqa' mieghu. Esebixxa ritratt fejn qal li dan l-Ingliz jidher mal-familjari ta' martu, liema ritratt gie mmarkat bhala Dok. MB7. Rigward din il-karozza jghid li fil-fatt din inxtrat minn M'Scala minn garaxx jismu Tyre Services, u esebixxa ritratt ta' l-istess garaxx, li l-Qorti mmarkat bhala Dok. MB8. Imbaghad jghid li hu wkoll zar lil din il-persuna gewwa l-Ingilterra ghaliex kienu hbieb u dan kien fis-sena 1997. Esebixxa ritratti dwar dan li gew immarkati bhala Dok. MB9 u MB10. Jispjega li dan David kien jigi Malta xi tlieta jew erba' darbiet fis-sena, w li darba qaghad fil-post ta' huh, u li martu kienet tmur tnaddafflu w issajjarlu. Illum il-gurnata pero' ma jafx x'sar minnu.

L-imputat jistqarr li ma kienx jaf li martu kienet taghmillu r-rapporti ghaliex qatt ma kien gie kkuntattjat, ghalkemm jammetti li l-inkwiet bejniethom kien ilu ghaddej, u jzid li sar jaf bir-rapporti dakinhar tat-23 ta' Mejju, 2006. Mistoqsi jekk hux minnu li fl-ahhar tal-istqarrija l-Ispettur kien stqasieh jekk kellux xi jzid jew inaqqas, qal li ma jiftakarx. Lanqas ma jiftakar li l-Ispettur kien laqqa' lilu w lil martu biex jippruvaw jirrangaw iz-zwieg taghhom, pero' kkonferma li fil-prezentata l-Ispettur kien talab li hu jintbaghat Mount Carmel. Pero' l-avukati difensuri li kellu dakinhar kienu oggezzjonaw, u minflok inzamm taht arrest preventiv gewwa l-habs.

Cahad li hemm proceduri pendenti kontrih. Cahad li ried inehhi hajtu b'idejh. Cahad li sawwat lil martu. Cahad li pprova jibqa' diehel bil-karozza fil-hajt meta martu kienet riekba mieghu w li hi dawwritlu l-isteering. Cahad ukoll li hedded lil martu bil-mewt, anzi zied li hu kien taha d-demm meta kellha bzonn. Cahad l-allegazzjoni li ried itajjar id-dar. Cahad li qatt ghamel is-sikkina m'ghonq martu , w anke li qaghad fis-salott gharwien. Cahad li hu kien izomm arma bil-ponta fuqu. Cahad li l-Ufficjal Prosekutur kien wissieh biex ma jerfax idu fuq martu.

Jigbed l-attenzjoni li l-istqarrija mhix iffirmata minnu.

Jghid li l-incident ma’ bintu, li hemm akkuza kontra tieghu dwaru fil-Qorti, sehh fl-istess zmien ta’ l-akkuzi odjerni. Ikompli jghid li jaf li bhalissa Annrina qeghda tghix fil-post fejn suppost jghix hu f’Marsascala, pero’ hu qatt ma raha diehla hemm.

Jichad l-allegazzjoni li hu qal diskors fis-sens li ried inehhi hajtu man-Nutara oht martu w izid li hu kien mar ghandha ghax kien qed jigbor il-flus ghal-Life Cycle u din kienet taghtu hames Liri (Lm5) u hu taha ricevuta.

Kompla jixhed nhar is-6 ta’ Lulju, 2010 (a fol. 325 et seq.) u kkonferma li meta kien gie arrestat l-Ispettur kien infurmah li kien hemm diversi rapporti li saru fil-konfront tieghu w ikkonferma wkoll li ma kienx jaf bihom qabel. Jghid li fil-fatt kien talab lill-Ispettur jispjegalu x’tip ta’ rapporti kienu, pero’ dan kien qallu biss li kellha x’taqsam il-mara tieghu. Isostni li l-uniku ncident li sehh bil-karozza tal-mara kien meta habtet biha hi stess, u dakinhar hu ma kienx maghha. Cahad li kull darba li sar rapport fil-konfront tieghu, is-Surgent li ha r-rapport kien baghat ghalih.

Fis-6 ta’ Lulju, 2010 xehed **Dr. Mark Busuttil** li ddikjara li darba hu, l-avukat ta’ Mary Rose Pisani w l-imputat kienu barra l-Awla w li l-avukat tas-Sinjura Pisani kien iddikjara li din ma kinitx ser taghi mportanza lil dak li gara bis-somma ta’ erbghin elf Lira (Lm40,000). Jghid li dak il-hin l-imputat kien dar fuqu (x-xhud) u qallu “Qed tara kif ghandi ragun. Min ser jarmi erbghin elf Lira (Lm40,000)?” Spjega li fis-separazzjoni, s-Sinjura Pisani kienet qed izzomm ferm hafna ghad-drittijiet taghha. Jghid li dan kien juri li mart l-imputat kienet daret kontrih. Dan id-diskors intqal waqt li kienu qed jiddiskutu l-possibilta’ ta’ separazzjoni bonarja. Sa fejn jaf hu ma sarux rapporti dwar serq tal-erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000). Ikompli li hu qatt ma kellu xi lmenti kontra l-Ufficjal Prosekutur u jafu bhala ufficjal tal-affari tieghu. Jghid li skond l-imputat, hu w martu biss kienu jafu b’dawn il-flus li kienu mizmuma d-dar u li kien l-imputat stess li ghamel rapport dwarhom.

Rat li fid-9 ta’ Novembru, 2010 l-Ufficjal Prosekuturipprezenta nota bit-trattazzjoni.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputat ipprezentata fil-21 ta’ Dicembru, 2010.

Ikkunsidrat:

M’hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita’ tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-**Artikolu 637** tal-Kap 9. Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien, tkun semghet ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, ezaminat l-imgieba w il-komportament taghhom, stante li kienet hija stess li kkonstatathom, u x'interess seta’ kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita’ tax-xhieda w dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura w thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita’ jew ma huwiex. Pero’ fic-cirkostanzi kif inhuma, w kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat m’huwiex hati tad-delitti imputati lilu, trid ukoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuni - martu w uliedu - biex jaddebitawlu delitti li ma kkommettiex.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala

regola generali u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, w dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu- hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, w cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** – vol. III, Kap. IV, pg. 236, Ediz. 12 - 1890:

*"il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, w b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. In fatti **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pensions** [1974] 2 All ER 372, jaghti bhala spjegazzjoni ghall-espressjoni " *proof beyond a reasonable doubt* " is-segwenti:

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to detect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable ', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice.*"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubbju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, l-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk l-Qorti hija obbligata li tillibera.

L-imputat fix-xhieda li ta tefa dubbju dwar l-integrita o meno tal-Ufficcjal Prosekutur u qal illi l-Ufficcjal Prosekutur kien sever mieghu w intimidah, u jghid li fost affarijiet ohra, l-Ispettur " *b'mossi w bil-kliem, qallu li kien se jsallbu u jnezzghu u wrieh il-ponnijiet*" u qallu "*b'din l-id tal-hadid, u b'din l-id tal-hadid u bl-uniformi tieghi, jiena ghandi s-sahha*." Sussegwentement tressaq il-Qorti. L-imputat fin-nota tieghu jimplika li l-Ufficcjal Proskeutur ma hadimx b'mod lejali lejn is-Sistema tal-Gustizzja, w li ghalhekk din il-Qorti ghandha tikkundanna l-operat tieghu. In fatti jghid li l-Ufficcjal Prosekutur fix-xhieda tieghu jghid li l-imputat iffirma l-istqarrija tieghu, meta dan ma kienx minnu, izda ma jghidx li sussegwentment in ri-ezami jirtira dak li kien qal u sahansitra anke skuza ruhu. Jinghad li pero' l-imputat fl-istqarrija li rrilaxxja m'ammetta l-ebda akkuza li nghatat fil-konfront tieghu u ghalhekk il-Qorti ma tistax temmen li l-imputat hass ruhu intimidat, *molto piu'* meta ratu jixhed u rat li huwa persuna li ma jipperswadix ruhu facilment.

Hawnhekk din il-Qorit thoss li ghandha tikkumenta ftit dwar il-mizura ta' regolarita' o meno ta' konfessjoni ta' mputat jew akkuzat, cioe' dik stabbilita mill-**Artikoli 658 sa 661** tal-Kodici Kriminali, stante li f'Malta ma nabbraccjawx it-teorija ta' *'fruit from the forbidden tree'*.

Huwa ghalhekk pacifiku li:

*"Kull haga li mputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinstab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontajrmanet u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza jew b'weghdiet jw bi twebbil jew vantaggi."*

Ghandu jinghad ukoll li huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza Maltija li kwalunkwe stqarrija ghandha tkun kunsidrata bhala kwalunkwe prova ohra w ghalhekk hi wkoll sottomessa ghall-gudizzju ta' kredibilta' minn min ghandu l-kompitu' li jiggudika. Ghalkemm ghall-Prosekuzzjoni din tikkostitwixxi *la regina della prove* l-

Qorti xorta tezaminaha w taghtiha l-importanza li jisthoqqilha flimkien mal-provi l-ohra migbura.

Illi dan il-process kriminali ghandu specificita' unika stante d-dimensjoni morali tieghu, peress li huwa ntiz proprju biex jiddetermina r-responsabilita' morali ta' mputat u li eventwalment din id-dimensjoni tiggustifika mposizzjoni ta' piena fuq l-istess imputat kemm-il darba tigi ppruvata l-htija.

Illi l-aspetti ta' natura procedurali ta' tali process jassumu mportanza konsiderevoli fl-attwazzjoni tar-rimedji gudizzjarji proposti, stante li l-unika skop taghhom hu li dawn jintuzaw sabiex jassistu lill-gudikant biex jasal b'mod seren u legalment informat ghall-gudizzju tieghu ghall-gid ta' l-ahjar amminstrazzjoni tal-gustizzja, w ghalhekk fl-interess kemm tas-socjeta' kif ukoll ta' l-imputat quddiemha.

Illi l-principju sancit mit-**Titolu 11 tat-Taqsima 111 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta** jista' jigi sintetikament espress mill-mod li dan it-titolu jirrikjedi bhala valida w denja li tigi mressqa ghall-iskrutinju gudizzjajru dik il-konfessjoni li tkun saret b'mod volontarju.

Illi r-rekwizit in d'esamina senjatament il-volontarjeta':

" *.. Pone anche come precetto il corrolario .. che la confessione non sia estorta con minaccie o timore o con promesso di perdono o altri vantaggi al confidente. In difetto dell' uso di sifatti mezzi, essa e volontaria e ammissibile come prova."* (vie op cit **Rex vs Giorgio Briffa**).

Illi ghalhekk huwa ghaqli dak ritenut minn Sacks J fil-kawza fl-ismijiet **R vs Priestly** (1967) 51. Cr. App R I fejn isostni:-

"*Whether or not there is oppression in an individual case depends upon many elements. I am not going into all of them. They include such things as the length of time*

*intervening between periods of questioning, whether the accused person had been given proper refreshment or not and the characteristic of the person who makes the statement.*"

Illi ghalhekk jekk stqarrija tittiehed b'mod volontarju w minghajr theddid, vantaggi jew minacci dik l-istqarija ghandha tkun ammissibli bhala prova anke jekk ma tkunx iffirmata mill-akkuzat (vide **Pol. Vs David Delmar** deciza fil-11 ta' Dicembru 1998 mill-Qorti tal-Magistrati u **Pol Vs Joseph Fenech** deciza fil-25 ta' Gunju 1990 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Illi tali rigorozita' ghalhekk tikkonstringi lill-gudikant li jeskludi kwalunkwe evidenza mhux karpita b'dan il-mod, biex b'hekk mhux biss tirrivendika mputat li jkun sottomess ghall-proceduri odjuzi ta' natura kiriminali unikament fuq dan il-bazi, izda wkoll biex taghti messagg car lill-'forza pubblika' li fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghha mhux permess li tnaqqar mid-drittijiet u libertajiet ta' l-individwu espressament sanciti fl-ordinament guridiku Malti.

Illi in effetti l-kompiti mposti fuq il-forza pubblika huma oggettivament tassew arduwi u delikati stante li jridu jipprotegu fl-istess waqt kemm lill-kollettivita' kif ukoll lill-individwu, w dan, minghajr ma jkunu lezi d-drittijiet tat-tnejn.

Illi pero' ghalhekk ir-rigorozita' tal-volontarjeta' rikjesta mil-Ligi taghna, hi tassew ghaqlija u previggenti, u din il-Qorti, fit-trattazzjoni orgoljuza ta' Qrati Maltin ta' qabilha, tibqa' tesigi din il-mizura bhala l-unika mizura li fuqha l-gudikant irid necessarjament jibbaza l-edifizzju decizjonali tieghu.

Illi stabbilit dan, ghandu jinghad ukoll li l-fatti ta' kull procedura ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu ezaminati w analizzati fl-integrita' taghhom, stante li kull procedura tipprezenta specificita' mhux riskontrata f'kazijiet ohra, ghalkemm titratta l-istess istitut legali.

Illi tenut kont ta’ dan kollu, l-Pulizija Ezekuttiva ghandha d-dover li tiskopri w tinvestiga r-reati, tigbor il-provi w tipprezenta lill-awtur lill-awtorita’ gudizzjarja skond il-Ligi, jekk jidhrilha li huwa l-kaz. M’ghandhiex *time frame* meta hija ghandha tghamel dan – il-Legislatur halla din il-kwistjoni f’idejn il-Pulizija Esekuttiva, w ghalhekk l-imputat jaghmel hazin li jghid fin-nota tieghu li ghalkemm il-Pulizija Esekuttiva kellha diversi rapporti, hija stenniet perijodu ta’ zmien qabel ma ressqitu l-Qorti.

Illi fl-esekuzzjoni ta’ dan l-impenn ardwu w delikat, kif fuq indikat:-

“ ..*deve essere riconosciuta alla forza pubblica una certa varieta e latitudine di mezzi e di metodi che trovano limitazione soltanto nelle disposizioni delle legge e nello spirito che la informano*” (vide **<u>Rex vs Giorgio Briffa</u>** deciza mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fis-7 ta’ Novembru 1930 Vol XXV11. 1V. 617).

Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet **<u>Dallison va Caffary</u>** (1965) IQB 346 **Lord Denning M.R** jghid:-

*“…When a constable has taken ionto custody a person reasonably suspected of felony, he can do what is reasonable to investigate the matter, and to see whether the suspicions are supported or not by further evidence. He can, for example take the person suspected to his own house to see whether any of the stolen property is there; else it may be removed and valuable evidence lost. He can take the person suspected to the place where he was working, for there he may find persons to confirm or refute his alibi. The constable can put him up on anidentifiaction parade to se if he is picked out by the witness. So long as such measures are taken reasonably, they are an important adjunct to the administration of justice.”*

Illi in vista tas-suespost ghalhekk, huwa pacifiku li wiehed mill-mezzi koncessi lill-pulizija biex tilhaq dan l-ghan hu l-interrogatorju ta’ persuni suspettati, fejn ir-risposti taghhom jistghu jikkostitwixxu provi fil-konfront taghhom, purche’ tali konfessjoni tkun wahda volontarja.

Illi l-imputat fix-xhieda li ta ghamel hafna referenza ghal dak il-jum meta gie arrestat u rrilaxxja l-istqarrija tieghu, nhar it-23 ta' Mejju 2006. Jirrizulta li l-imputat beda jirrilaxxja l-istqarrija fil-hdax u dsatax-il minuta w lesta ftit wara, fis-siegha neqsin kwart, u dan fil-presenza ta' PC 572 A. Damato. Mid-domandi li saru jirrizulta li l-Ufficcjal tal-Pulizija kien qed jaqdi d-dmir tieghu li jinvestiga w isaqsi domandi lill-imputat sabiex jikkontrolla l-versjonijiet tal-fatti kif moghtija lilu mill-kwerelanti, mart l-istess imputat. Minn imkien ma jirrizulta li l-ufficcjal abbuza mill-uniformi tieghu, kif gie allegat mill-imputat u mhux mill-avukat difensur, kif *del resto* indika l-Ufficcjal fit-trattazzjoni tieghu.

Jidher li l-imputat inghata t-twissija qabel ma beda jirrispondi ghad-domandi li sarulu w li ghogbu jirrispondi ghal kull-domanda. Huwa veru wkoll li l-imputat cahad dak li gie allegat lilu diversi drabi.

Din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti, dik esposta mill-Prosekuzzjoni li l-imputat huwa bniedem vjolenti w hebb ghal martu w uliedu f'diversi okkazzjonijiet, u c-cahda totali da parti tal-imputat.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Charles Graham Ducker</u>** fejn inghad li:-

*"Conflicting evidence per se, does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-**artikolu 638(2) tal-Kap 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnuta minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill- Qorti tara liema hija l-aktar xhieda

kredibbli w verosimili fic-cirkostanzi w dan a bazi ta' possibilita'.

Illi l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat talli :-

a. Bejn il-lejl tad-19 u 20 ta' Mejju 2006 ittenta jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' wliedu Marisabelle u Annrina Pisani izda d-delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u talli ta diversi daqqiet ta' ponn lil martu skond ma ccertifika Dr. Ian Gauci; u
b. Talli f'Mscala tul perijodu ta' sentejn qabel is-sena 2006 ghamel diversi reati fosthom:-
i. Ittenta jaghmel ferita ta' natura gravi fuq martu billi heddidha bil-mewt u waqt li kienu fl-istess karozza, w heddidha li kien ser jikser l-i*steering* gol hajt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga incidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
*ii.* Hedded lil-martu bil-kliem '*nehles minnek u ntajjar il-flat b'kollox'.*
*iii.* Hebb ghall-istes martu Mary Rose Pisani u ghal bintu Annrina sabiex idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara.
*iv.* Offenda l-pudur jew il-morali pubblika b'eghmil li sar minnu f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.
*v.* Zamm u garr strument li jaqta' w iniggez (sikkina tal-hobz) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
*vi.* Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor.
*vii.* M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' persuni li kienu nkarigati minn servizz pubbliku.
*viii.* Saq il-vettura tal-ghamla Renault b'manjera perikoluza traskurata w bla kont.
*ix.* Saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu.

c. Talli huwa recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu.

Il-Qorti sejra ghalhekk titratta kull akkuza b'mod separat u distint u dan anke minhabba l-fatt li hemm numru t'akkuzi li huma preskritti.

Illi ghalhekk l-ewwel akkuza li ghandha l-Qorti quddiemha hija li bejn il-lejl tad-19 u 20 ta' Mejju 2006 ittenta jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' wliedu Marisabelle u Annrina Pisani, izda dan id-delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u talli ta daqqiet ta' ponn lil martu.

Il-Qorti sejra titratta t-tieni parti tal-akkuza w cioe' li l-imputat ta daqqiet bil-ponn lil martu. Dwar dan ix-xhieda okulari huma l-istess ulied l-imputat u dan ghaliex allegatament l-incident sehh fil-presenza taghhom, l-allegata vittma mart l-imputat u l-imptuat stess.

Annrina fix-xhieda li tat, kif rapportata aktar 'il fuq tghid li tiftakar li fix-xahar ta' Mejju kien hemm glieda d-dar dwar kwistjoni li nqalghet minhabba xi hobza w tghid li ftit wara hija dahlet fil-kamra tal-banju w missierha dahal warajha, u wara li tlewmu missierha taha daqqa ta' ras u kissrilha mnehirha. Wara tghid li kien hemm tilwima bejn missierha w ommha. Taf li f'xi hin missierha ha t-telepilot minn idejn ommha. Tispjega li ohtha kienet fil-kuritur waqt li hija kienet fil-kamra taghha u semghu l-ghamara ticcaqlaq. Huma marru jaraw x'gara u rat li l-genituri taghha kienu gew fl-idejn. Ohtha marret tipprova tferraqhom waqt li ommha telqet tigri 'l barra. Tghid li ommha kellha dawra hamra fuq sidirha meta harget tigri 'l barra. Marisabelle tghid li ma ratx l-incident isehh ghaliex il-genituri taghha kienu fil-kamra tas-sodda taghhom. Qalet li sabet il-komodina mcaqalqa w li ommha qaltilha li missierha kien habat ghaliha. Maryrose Pisani dwar dan l-incident tghid li dakinhar zewgha kien taha daqqa fuq il-warrani taghha w kellha tbengila kif ukoll marka fuq sidirha. Jinghad pero' li skond l-okkorenza mehuda nhar il-11 ta' Mejju 2006 minn PS 1262 (fol. 57) dan l-incident li dwaru jixhdu wlied l-imputat u martu, allegatament kien sehh fil-11 ta Settemrbu w mhux bejn id-19 u 20 ta' Mejju 2006 kif allegat il-Prosekuzzjoni. Illi dwar dan l-incident l-imputat

ma giex mistoqsi domandi fl-istqarrija tieghu u ghalhekk din il-Qorti trid toqghod u tistrieh fuq dak li qal *viva voce* fil-Qorti. Huwa jichad li qatt mess lil martu jew li hebb ghaliha kif deskritt mill-pulizija. Illi jirrizulta li hemm diskrepanza bejn ix-xhieda moghtija minn ulied l-imputat, ghaliex filwaqt li Annrina tghid li hija kienet fl-istess kamra m'ohtha meta semghet lill-genituri taghha jiggieldu, Marisabelle tghid li hija kienet fil-kuritur u ohtha kienet fil-kamra taghha. In oltre waqt li hija tghid li ommha qaltilha li missierha imbuttaha mal-komodina, ommha Maryrose tghid li zewgha taha diversi daqqiet ta' ponn. Jinghad li dan nonostante hija ma pprezentat l-ebda certifikat mediku ta' dawn l-allegati daqqiet, nonostante li qalet li kellha l-warrani taghha mbengel u li kellha tbengila ohra fuq sidirha. Jidher ghalhekk li jekk verament kellha xi tbengila fuq il-warrani taghha, dan verament seta' kien kagunat billi l-imputat imbottha. Dan pero' ma jirrizultax, anke in vista tal-konsistenza tal-imputat li mill-ewwel cahad li huwa sawwatha, w ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax provata.

Dwar l-ewwel parti tal-akkuza w cioe' tal-attentat ta' ferita gravi fuq ulied l-imputat fil-lejl ta' bejn id-19 u 20 ta' Mejju 2006, jinghad li wlied l-imputat jghidu li missierhom kien halla l-*gas knob* tal-cooker mixghul waqt li kienu d-dar. Maryrose Pisani tghid li taf li lejliet zewgha kien mar id-dar waqt li hija kienet fil-kamra taghha ma' bintha, w zewgha sahhan l-ikel tieghu u halla l-cooker mixghul bl-intenzjoni li jtajjar kull m'hemm. L-imputat mistoqsi dwar dan l-incident *a tempo vergine* jghid li verament kien mar id-dar tard u li sahhan l-ikel tieghu, izda jghid li l-cooker tfieh. Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti. Pero' rat li l-imputat kien id-dar ukoll u li l-kamra tieghu hija eqreb lejn il-kcina minn dik ta' martu w uliedu, w ghalhekk huwa mprobabbli li l-imputat verament ried itajjar kull m'hemm. Bint l-imputat tghid li ghandha problemi fix-xamm taghha, izda fl-istess waqt tghid li taf li l-cooker kien mixghul u li kien hemm riha ta' gass. Dan kollu jdghajjef it-tezi tal-Prosekuzzjoni. Interessanti ghall-Qorti huwa dak li qalet Maryrose Pisani fix-xhieda taghha a fol. 39, li l-cooker huwa difettuz u l-gass jibqa' hiereg xorta, avolja jkun maghluq. Ghalhekk il-Qorti mhix konvinta li

efettivament l-imputat verament halla l-cooker mixghul dakinhar bejn id-19 u l-20 ta' Mejju 2006, u li gie mitfi minn martu. Jinghad ukoll li skond ix-xhieda ta' PS 440, Maryrose Pisani kienet marret taghmel rapport l-ghassa li zewgha kien halla in-*knob* tal-cooker mixghul fil-jum tat-tmintax ta' Mejju 2006 (vide okkorrenza a fol. 54) u ghalhekk din l-akkuza t'attentat ta' ferita gravi, kif moghtija mill-Prosekuzzjoni, zgur li ma tirrizultax lanqas.

Din il-Qorti mhix ser tidhol biex tinvestiga dak li qalet id-difiza tal-imputat u x'kien il-motiv tal-kwerelanti sabiex taghmel dawn ir-rapporti, w dan ghaliex ma jinteressahiex. Izda zgur li sejra taghti qies tax-xhieda li xehdu sabiex tkun konvinta dwar l-ezistenza o meno tal-akkuzi, qabel ma tippronunzja ruhha.

Fit-tieni lok il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'diversi akkuzi ohra li allegatament sehhew tul medda ta' zmien, u cioe' fi zmien sentejn, u ghalhekk sabiex il-Qorti tara jekk dawn jirrizultawx provati l-ewwel trid tistabilixxi meta sehhew, stante l-perijodu preskrittiv ta' kull akkuza. Fil-Kriminal, kuntrarjament ghac-Civil, il-Qorti ghandha tissolleva l-preskrizzjoni *ex ufficcio*.

Dwar l-akkuza li l-imputat ittenta jaghmel ferita ta' natura gravi fuq martu billi heddidha bil-mewt u waqt li kienu fl-istess karozza heddidha li kien ser jikser l-i*steering* gol-hajt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga incidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, il-Qorti fliet il-process biex tara jekk kienx hemm okkorenza relattiva ghal dan l-incident. Pero' rrizulta fin-negattiv. Jirrizulta biss mix-xhieda li ta l-Ispettur Anthony Cassar nhar it-2 ta' Gunju 2006, li l-kwerelanti kienet irraportatlu li xi sena qabel ma xehed hija kienet riekba ma' zewgha l-imputat u dan fil-vettura taghhom tal-ghamla Renault, sejrin lejn M'Scala, w zewgha kien heddidha li ried joqtolha, w hi tant bezghet li ghalqet ghajnejha w dawret l-i*steering* li zewgha kellu f'idu ghan-naha l-ohra tat-triq biex tevita dan l-incident. Dwar dan l-incident fix-xhieda taghha l-kwerelanti tghid biss, a fol. 38, li hija kienet riekba ma' zewgha w kienu qed jargumentaw bejniethom, meta f'daqqa wahda hi gibdet l-i*steering* ghax kienu ser jidhlu f'xi hajt. Il-versjoni tal-fatti

ghalhekk mhix kif spjegata mill-Ispettur, li wara kollox ix-xhieda tieghu hija biss *hear say*. Il-kwerelanti fix-xhieda taghha qatt ma tghid li kellha tghatti wiccha, li twerwret, jew li l-imputat ried idahhalha gol-hajt apposta. L-imputat mistoqsi dwar dan l-incident *a tempo vergine,* fl-istqarrija tieghu jichad li kien hemm dan l-incident (fol. 28). Anzi jghid li la kien veru li kellu argument ma' martu fi Triq Sant' Anna, w lanqas li martu gibditlu l-i*steering*. Il-Qorti ghalkemm rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ta' kif gara l-incident, issibha difficli temmen kif il-kwerelanti, li tant ghamlet rapporti ghand il-Pulizija, m'ghamlitx rapport f'dan ir-rigward ukoll, *molto piu*' meta l-ufficcjal Prosekutur jghid li hija kienet imwerwra hafna. Qatt ma qalet li wara dan l-incident ma regghetx rikbet mieghu jew affarijiet simili. Il-Qorti thoss li x-xhieda tal-imputat hija aktar kredibbli f'dan ir-rigward, u ghalhekk din l-akkuza lanqas ma tirrizulta provata.

Dwar l-akkuza kontravenzjonali li l-imputat allegatament hedded lil martu bil-kliem '*nehles minnek u ntajjar il-flat b'kollox',* il-Prosekuzzjoni ma dehrilhiex li kellha tindika l-jum meta sehh dan l-incident, izda minn ezami tal-process il-Qorti sabet li l-kwerelanti kienet ipprezentat rapport ghand il-pulizija esekuttiva dwar dan l-incident li jgib id-data tat-30 ta' Dicembru 2005, dwar l-incident li kien sehh lejliet. L-imputat jichad dan l-incident, pero' apparti dan jirrizulta li l-imputat tressaq il-Qorti nhar it-23 ta' Mejju 2006, u cioe' hames xhur wara li allegatament kien sehh dan l-incident, u ghalhekk tali kontravenzjoni hija preskritta ai termini tal-**artikolu 688 (f) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta, w ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Dwar l-akkuza li l-imputat hebb ghall-istess martu Maryrose Pisani w ghal bintu Annrina sabiex idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara, din ukoll ma nghatatx data specifika, izda li saret fis-sentejn qabel ma xehed. Illi ghalhekk il-Qorti ghamlet indagini fil-process biex tara meta effettivament kien hebb ghalihom sabiex idejjaqhom jew jaghamlilhom hsara. Illi dwar din l-akkuza jirrizulta li r-rapporti li ntavolaw Maryrose Pisani u bintha Annrina fil-konfront ta' l-imputat, huma kollha antecedenti ghal

Dicembru 2005 u ghalhekk preskritti, salv u b'eccezzjoni ghall-incident li gie rapportat fil-11 ta' Mejju 2005 minn Maryrose Pisani meta allegatament zewgha l-imputat qabad ir-*remote control* tat-television wara li kienu qabdu jargumentaw ma' xulxin (vide rapport a fol. 64) u spjegat li meta kienu fil-kamra tas-sodda l-imputat taha daqqa ta' ponn fuq sidirha u fuq subghajha. Skond dan ir-rapport il-kwerelanti ma riditx tiehu passi izda riedet li tali ncident jigi dokumentat, izda wara gimgha biddlet fehmitha w riedet tiehu passi. Hija pprezentat certifikat mediku mahrug minn Dr. Ian Gauci li jikkonferma li meta ezaminaha hija kellha xi tbengil fuq sidirha, idejha w il-warrani taghha. It-tabib ikkonferma dawn il-griehi w iddeskrivihom bhala feriti ta' natura hafifa, pero' fl-ebda hin ma jghid li kienu kompatibbli ma' daqqiet ta' ponn. L-imputat dan l-incident jichdu, w cioe' li huwa gholla jdejh fuq martu, ghalkemm jammetti li kellhom xi jghidu bhal kull koppja ohra. Il-Qorti ssibha ferm difficli temmen lill-kwerelanti, w dan in vista tan-nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda taghha.

Dwar l-akkuza li l-imputat offenda l-pudur jew il-morali pubblika b'eghmil li sar minnu f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, jinghad li l-Qorti fliet il-process u tara illi l-unika haga li tista' tinkwadra ruhha f'din l-akkuza hija l-allegazzjoni li ghamlet Maryrose Pisani li l-imputat kien joqghod gharwien. Izda jinghad ukoll li kien joqghod hekk f'kamartu, ghalkemm l-imputat dan jichdu, kif del resto tichdu wkoll bintu li tghid li missierha joqghod bil-hwejjeg tad-dar. Nonostante pero', anke jekk in pessima ipotesi huwa verament kien joqghod gharwien, xorta dan mhux post pubbliku w lanqas ma hu post accessibbli ghall-pubbliku, w ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax.

Dwar l-akkuza li zamm u garr strument li jaqta' w iniggez (sikkina tal-hobz) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, jirrizulta li verament l-imputat m'ghandux licenzja sabiex igorr strument bil-ponta w li jaqta' mill-Kummissarju tal-Pulizija, pero' jinghad li l-allegazzjoni hi li l-imputat kellu f'idu sikkina tal-hobs waqt li kien fil-kcina, w zgur sabiex jaghmel hekk m'ghandux bzonn licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, *molto piu'* meta tqis li dak il-hin

kien qed jiekol. Stramba li fl-istqarrija l-Ufficcjal Prosekutur ma staqsieh xejn dwar din il-kwistjoni.

Dwar l-akkuza li l-imputat kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor, ma jirrizultax li kien hemm xi ncident jew allegat incident li sehh barra mid-dar matrimonjali, jew jekk sar fil-vettura ma jirrizultax li kien hemm xi terzi persuni li semghu l-ghajjat u li gie miksur il-bon ordni taghhom, u ghalhekk din ma tirrizultax lanqas.

Dwar l-akkuza li l-imputat m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' persuni li kienu nkarigati minn servizz pubbliku, mill-provi prodotti jirrizulta li kull darba li l-ufficcjali tal-pulizija kienu baghtu ghall-imputat, dan dejjem mar. Il-Qorti ma tistax tifhem kif akkuza bhal din inghatat fil-konfront tal-imputat, meta l-Ufficcjal tal-Pulizija lanqas indika liema kienet l-ordni li ta hu jew adirittura ta xi ufficcjal iehor lill-imputat u ma gietx segwita. Huwa veru li ordni tal-awtorita' ghandha dejjem tigi segwita w ma tigix kontestata *a tempo vergine* li tinghata, pero' mill-provi prodotti ma jirrizultax li inghatat xi ordni.

Finalment l-imputat gie akkuzat li huwa recidiv pero' peress li din il-Qorti mhix qed issibu hati tal-akkuzi li nghataw fil-konfront tieghu, ma tistax issibu hati ta' din l-akkuza.

Minn qari tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali jirrizulta li huwa akkuza lill-imputat ukoll bir-reat ta' ngurji fil-konfront ta' martu w bintu Annarina Pisani, kif dispost fl-**Artikolu 252 (1) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax sal-grad rikjest mil-Ligi li l-imputat ingurjahom, izda jirrizulta li r-relazzjoni ta' bejniethom hija wahda turbolenti ghall-ahhar.

Il-Qorti nnotat li din il-kawza damet ghaddejja kwazi hames snin ghal raguni jew ohra, w rat li bejn il-partijiet hemm mibeghda kbira li sfortunatament qed twassal lill-kwerelanti thejji rapporti fil-konfront ta' zewgha li m'humiex fondati. Sfortunatament il-vittmi f'dan il-kaz huma wlied l-istess kwerelanti w l-imputat li jkollhom jixhdu fi proceduri

kriminali fil-konfront ta' missierhom fuq talba t'ommhom. Illi dan kollu ma jawgurax tajjeb u bla dubbju qed jikkreja trawma fl-ulied li ghad iridu jghixu hajjithom ukoll. Il-Qorti tissolecita lill-pulizija esekuttiva sabiex titratta ma' dan il-kaz b'aktar serjeta' w taghmel indagini aktar profonda qabel ma tistitwixxi proceduri ohra.

Dwar l-akkuzi li l-imputat saq il-vettura tieghu b'mod traskurat, perikoluz u negligenti w b'velocita' eccessiva, l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda gja msemmija aktar 'il fuq li verament hija skarsa f'dan ir-rigward, u ttenni li dawn l-akkuzi lanqas ma gew provati. Il-Qorti thoss li verament il-kwerelanti ghandha agenda mohbija 'l ghala ghaddiet lil zewgha f'dan il-kaz kriminali. Il-Qorti hija konvinta li l-imputat mhux xi bniedem kalm jew ahjar simpatiku, w dan anke mill-manjiera kif xehed, pero' thoss li l-kwerelanti Maryrose Pisani mhix xhud attendibbli w li rnexxielha tikkonvinci lil uliedha biex jixhdu bil-mod kif xehdu. Meta kienet fil-pedana tax-xhieda kienet wisq prepotenti w riedet tghid iktar milli fil-fatt kienet preparata li tghid, billi zzejjen diskorsha. Ulieda min-naha l-ohra kellhom jigu mghejjuna mill-pulizija biex jixhdu, a kuntrarju ta' ommhom. Il-Qorti nnotat ukoll, minn qari tat-traskrizzjonijiet, li l-konjugi xejn m'huma gentili ma' xulxin u hlief jinsulentaw lil xulxin ma jaghmlux!

**Il-Qorti rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe' 18, 41 (1) (a), 49, 50, 209, 214, 216, 221(1) (a), 338 (dd) (ee), 339 (1) (d) (e), 252 (1) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikoli 15 (1) (a) (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u MVR 127 (1) u tiddikjara li l-imputat <u>mhux hati tal-akkuzi w tilliberah minnhom.</u>**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-perizja fejn kien gie nominat Dr. Steven Farrugia Sacco, jirrizulta li peress li l-imputat mhux hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, din il-Qorti mhix ser tilqa' t-talba tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------